MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2217/2002

***Michael Debono Limited***

***vs***

***Nazzareno u Emanuela konjugi Azzopardi***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin liri Maltin (Lm862) rappresentanti import ta' sett ta' tmien kambjali li skadew rapprezentanti ammont bilancjali dovut ghall-bejgh ta' vettura tal-ghamla Toyota Hi-Lux, numru ta' registrazzjoni IBC 117.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Mejju 2001 u tal-11 ta' April 2002 u tal-Mandat ta' Qbid ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet

legali dekorribbli mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull fattura relattiva.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Carlo Bisazza ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm862), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Mejju 2001 u tal-11 ta’ April 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------